DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/2252

tas-16 ta' Diċembru 2021

li temenda d-Deċiżjoni 94/741/KE rigward kwestjonarji għar-rapporti tal-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni ta' ċerti Direttivi fis-settur tal-iskart

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 86/278/KEE tat-12 ta' Ġunju 1986 dwar il-protezzjoni tal-ambjent, u b' mod partikolari tal-ħamrija, meta l-ħama tad-dranaġġ jintuża fl-agrikoltura ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 17 tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/741/KE ([2]) tistabbilixxi l-kwestjonarju għar-rapport tal-Istati Membri dwar it-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tad-Direttiva 86/278/KEE.

(2) Jenħtieġ li l-format għal dak ir-rapport tal-Istati Membri jiġi rivedut sabiex jirrifletti r-rekwiżiti l-ġodda ta' rapportar fir-rigward tar-rapportar ta' *data* spazjali inkluża fl-informazzjoni rreġistrata fir-rekords imsemmija fl-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 86/278/KEE kif emendata bir-Regolament (UE) 2019/1010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

(3) Jenħtieġ li d-*data* spazjali rapportata tkun limitata għal *data* li hija meħtieġa biex tħaffef l-implimentazzjoni tad-Direttiva 86/278/KEE u għalhekk jenħtieġ illi tikkonċerna biss il-ġeometrija jew il-lok fejn għandu jintuża l-ħama.

(4) Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv marbut mal-ġbir u r-rapportar tad-*data*, id-*data* eżistenti miġbura għal skopijiet oħra, bħal *data* katastali jew *data* miġbura fil-kuntest tas-Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll għall-ġestjoni tal-Politika Agrikola Komuni u r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), tista' terġa' tintuża biex tirrapporta dwar *data* spazjali li tidentifika l-lok fejn ikun se jintuża l-ħama tad-dranaġġ fuq art agrikola.

(5) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 94/741/KE tiġi emendata skont dan.

(6) Jenħtieġ li d-data tal-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni tkun l-istess data bħad-data tal-applikazzjoni tal-emenda tal-Artikolu 10(1) u (2) tad-Direttiva 86/278/KEE kif stabbilit fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2019/1010.

(7) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 39 tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5])„

([1]) ĠU L 181, 4.7.1986, p. 6.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Ottubru 1994 rigward kwestjonarji għar-rapporti tal-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni ta' ċerti Direttivi fis-settur tal-iskart (implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE) (94/741/KE) (ĠU L 296, 17.11.1994, p. 42).

([3]) Ir-Regolament (UE) 2019/1010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar l-allinjament tal-obbligi ta' rapportar fil-qasam tal-leġiżlazzjoni relatata mal-ambjent u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 166/2006 u (UE) Nru 995/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 2002/49/KE, 2004/35/KE, 2007/2/KE, 2009/147/KE u 2010/63/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 u (KE) Nru 2173/2005, u d-Direttiva tal-Kunsill 86/278/KEE, (ĠU L 170, 25.6.2019, p. 115).

([4]) Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008, (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

([5]) Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni 94/741/KE huwa emendat kif stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2022.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Anness tad-Deċiżjoni 94/741/KE huwa emendat kif ġej:

(1) It-titolu tal-kwestjonarju għar-rapport tal-Istati Membri dwar it-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tad-Direttiva 86/278/KEE huwa sostitwit b'dan li ġej:

"KWESTJONARJU

għar-rapport tal-Istati Membri dwar it-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 86/278/KEE dwar il-protezzjoni tal-ambjent, u b' mod partikolari tal-ħamrija, meta l-ħama tad-dranaġġ jintuża fl-agrikoltura (*), kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE (**) u bir-Regolament (UE) 2019/1010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (***)

_____

(*) (ĠU L 181, 4.7.1986, p. 6).

(**) Id-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE tat-23 ta' Diċembru 1991, biex tistandardizza u tirrazzjonalizza rapporti dwar l-implimentazzjoni ta' ċerti direttivi fuq l-ambjent (ĠU L 377, 31.12.1991, p. 48).

(***) Ir-Regolament (UE) 2019/1010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar l-allinjament tal-obbligi ta' rapportar fil-qasam tal-leġiżlazzjoni relatata mal-ambjent u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 166/2006 u (UE) Nru 995/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 2002/49/KE, 2004/35/KE, 2007/2/KE, 2009/147/KE u 2010/63/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 u (KE) Nru 2173/2005, u d-Direttiva tal-Kunsill 86/278/KEE (ĠU L 170, 25.6.2019, p. 115).";

(2) fil-punt 7 tal-Parti II, tiżdied din it-tabella:

"**Pożizzjoni ġeografika jew ġeometrija li tidentifika l-postijiet fejn trid tintuża l-ħama**	
Tip ta' *data* *(Wieħed biss mit-tipi ta' data jrid jintuża għal kwalunkwe pożizzjoni ġeografika jew ġeometrija partikolari.)*	**Koordinati ġeografiċi ta' pożizzjoni jew ġeometrija** *(Il-pożizzjoni trid tiġi rappreżentata b'punt. Il-ġeometrija tista' tkun poligonu jew poligonu donut (poligonu b'toqba).)*
Ġeometrija ta' ħabel tar-raba (*)	
Ġeometrija ta' ħabel katastali	
Ġeometrija oħra li tidentifika ż-żona tal-art agrikola fejn irid jintuża l-ħama tad-dranaġġ	
Koordinati ġeografiċi ta' punt fuq żona ta' art agrikola fejn irid jintuża l-ħama tad-dranaġġ.	

(*) Kif definita fl-Artikolu 67(4), il-punt (a) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).";

(3) fil-Parti II, jiżdied il-punt li ġej:

"9. Siti web nazzjonali għat-tixrid tar-reġistri konsolidati f'konformità mal-Artikolu 10(2)

Agħti l-ħolqiet għas-siti web nazzjonali fejn ir-reġistri msemmija fl-Artikolu 10(1) ikunu disponibbli u faċilment aċċessibbli għall-pubbliku f'format ikkonsolidat.".